# ĠAN PIET FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS,

## esploratur tal-Ilsien Malti (1712-1770)



De Soldanis twieled ir-Rabat, Għawdex fl-1 ta' Novembbru 1712. Kunjom ommu kien Sultana u probabilment kien hu stess li bidel il-kunjom mill-Malti għal-Latin f'de Soldanis. Fl-età ta' 17-il sena l-Isqof Mons. P. Alpheran ħatru Kanonku t'Għawdex minħabba t-talenti u l-kwalitajiet akkademiċi li kellu. 'Il quddiem bis-saħħa ta' Fra Melchior Alpheran de Bussan li kien jiġi ħu l-isqof, żar diversi istituzzjonijiet kulturali fl-Italja. L-iktar xogħlijiet importanti tiegħu jinkludu dawk dwar il-lingwistika Maltija. Hekk fl-1750 meta kien Ruma ppubblika d-***Della Lingua Punica Presentamente Usata dai Maltesi*** li kienet l-ewwel grammatika tal-Malti. Hawn ta' min jgħid li skont de Soldanis, il-Malti kien ta' oriġini Punika u mhux Għarbi. Bejn l-1750 u l-1762 kien impenjat jaħdem fuq it-tieni grammatika li ġġib l-isem ta' ***Nuova Scuola della Lingua Punica***. Fl-istess żmien, sal-1767 ħadem fuq dizzjunarju bl-isem ta' ***Damma tal kliem Kartaginis.*** Fl-1751 il-Gran Mastru Pinto sejjaħ lil de Soldanis vili u insolenti għax fil-ktieb ***Mustafà Bassà di Rodi*** attakka l-Ordni ta' San Ġwann. Hu ġie saħansitra mtella' quddiem il-Papa iżda kien liberat minn kull akkuża. Bejn l-1757 u l-1758 hu ggradwa bħala avukat f'Padova, l-Italja. Fl-1763 inħatar bħala l-ewwel librar tal-Bibljoteka. De Soldanis miet fit-30 ta' Jannar, 1770.

***lehhilmalti@gmail.com*** ***LEĦĦ IL-MALTI*** ***lehhilmalti@gmail.com***

# Nistaqsi biex nikteb Malti sew

## X'nikteb **kas** jew **każ**?



Il-kelmiet **każ** u **kas** it-tnejn jeżistu iżda dawn ma jfissrux u ma jintużawx l-istess:

➡ **każ** (pl. **każi** jew **każijiet**) tfisser "xi ħaġa li tiġri" jew "okkażjoni partikolari" u tintuża, pereżempju, meta ngħidu: **fil-każ li jiġi ħuk**; **f'każ ta' ħruq**, jew **dawn huma każi speċjali**.

➡ **kas** tfisser "attenzjoni" u tintuża biss fl-espressjoni **ta kas** bħal: **qatt ma ta kasi**; **tagħtux kashom**; **ma jagħti kas ta' ħadd**.

- Din il-kelma ta' nisel Rumanz (Sqalli ***casu***, Taljan ***caso***) daħlet fil-Malti f'żewġ għamliet differenti, f'żewġ perijodi jew komunitajiet differenti. Għalhekk għandha żewġ tifsiriet u fonetikament iġġib ruħha b'mod differenti.
- Il-konsonanti tal-aħħar turina d-differenza. Meta warajha norbtu tarf li jibda b'vokali, tinstema': jew **'ż'** (bħal: **każi**, **każijiet**) jew **'s'** (bħal: **kasek**, **kasu**, **kasi**, **kasna**).



**leħħ il-Malti**
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***